MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-30 ta' Marzu, 2005

Citazzjoni Numru. 228/1997/1

Kawza fil-lista: 22

**Nazzareno sive Reno Bartolo**
**Vs**
**Ehsen Hassan u Antoinette Aquilina Hassan**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attur ippremetta u talab hekk:

Billi l-attur gie kommissjonat mill-konvenuti jesegwixxi appalti fil-hanut Yam Yam fil-Qawra u fil-hanut l-iehor tal-istess konvenuti fil-Plaza Complex;

Billi ghal dawn l-appalti l-istess konvenuti ghad baqghalhom ihallsu lill-attur l-ammont kumplessiv ta’ tliet elef tmien mija u wiehed u tletin lira Maltija (Lm3831)

kwantu ghal tliet elef lira Maltija (Lm3000) referibilment ghax-xoghol esegwit fil-hanut “Yam Yam” u kwantu ghal tmien mija u wiehed u tletin lira Maltija (Lm831) fil-hanut tal-Plaza Complex;

Billi nonostante li gew interpellati anke ufficjalment l-istess konvenuti baqghu inadempjenti;

Jghidu ghalhekk l-istess konvenuti l-ghaliex m’ghandhiex dina l-Onorabbli Qorti:-

1. tiddeciedi skond it-talba tal-attur bid-dispens tas-smiegh tal-kawza a tenur tal-Artikolu 167 et sequitur tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili;

2. konsegwentement tikkundannahom ihallsu lill-attur is-somma ta’ tliet elef tmien mija u wiehed u tletin lira Maltija (Lm3831) ghall-xogholijiet ta’ appalti esegwiti mill-attur fuq ordni tal-konvenuti kif fuq spjegat;

Bl-imghaxijiet u bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali tat-22 ta’ Jannar 1997 u tal-ittra legali tad-9 ta’ Jannar 1997 kontra l-konvenuti ingunti minn issa ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti li biha eccepew:

1. Illi d-domandi attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante illi ma kien hemm ebda ftehim dwar il-prezz fuq it-tieni appalt stante li dak li gie kkwotat lilhom kien ghal xoghol li kellu jkun tal-oak u mhux tal-fibre board u dan ghar-rigward ix-xogholijiet li kellhom isiru fil-hanut taghhom fil-Qawra.

2. Illi l-kont li bghattilhom ta’ Lm3,000 ghar-rigward it-tieni hanut kien ghall-esekuzzjoni ta’ xogholijiet fl-injam tal-Oak li sussegwentement saru tal-fibre board biex b’hekk qatt ma harget invoice jew stima ta’ xoghol ta’ dan il-kwalita’ ta’ injam.

3. Illi x-xogholijiet tal-Oak huma aktar gholjin minn tal-fibre board u jridu jigu stmati b’modalita’ differenti.

4. Illi l-kontijiet fuq iz-zewg appalti huma eccessivi u dan skond stimi moghtija lilhom minn terzi persuni u wara li l-konvenuti gharfu b'dan lill-attur, huwa qabel li ghandu jitnaqqas mill-prezz is-somma ta' Lm650.

5. Illi l-partijiet kienu ftehmu li jitqabbad Perit biex jistma x-xoghol li kien ghamel l-attur u skond l-istima tieghu huma jhallsu tax-xoghol esegwit.

6. Illi l-konvenuti mhumiex debituri tal-attur fis-somma mitluba imma ta' somma ferm inqas li ghandha tigi likwidata minn din il-Qorti jekk hemm bzonn bl-opera ta' periti nominandi.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet u l-listi tax-xhieda;
Rat ir-relazzjonijiet tal-Perit Legali l-Avukat [illum Imhallef] Dottor Joseph Azzopardi, u tal-Perit Tekniku Dottor Philip Galea, minnhom debitament mahlufa;
Rat l-atti kollha tal-kawza;
Semghet il-provi bil-gurament;
Ikkunsidrat;

Illi permezz tal-proceduri odjerni l-attur qed jippretendi minghand il-konvenuti s-somma ta' Lm3,831 rapprezentanti bilanc ta' prezz ta' xoghol ta' mastrudaxxa [inkluz il-materjal] li huwa ghamel go zewg fondi, wiehed hanut fil-kumpless tal-Plaza f' tas-Sliema u l-iehor go hanut fil-Qawra; u dan fuq inkarigu tal-konvenuti.

Illi mill-provi jirrizulta pacifiku li l-konvenuti kienu nkarigaw lill-attur, f' zewg okkazzjonijiet separati sabiex dana jaghmel xoghol ta' mastrudaxxa, inkluz il-fornitura tal-materjal, f' zewgt ihwienet: wiehed fil-kumpless tal-Plaza u l-iehor fil-Qawra. Il-partijiet ftehemu li l-materjal li kellu jigi uzat fl-appalt fil-Plaza kien fibreboard sprayed, filwaqt li dak li kellu jigi uzat fil-Qawra kien postform. Jirrizulta li x-xoghol sar u tlesta u ma kien hemm ebda ilment dwar il-mod kif inhadem ix-xoghol. Di fatti saru diversi pagamenti anke waqt li x-xogholijiet kienu ghaddejjin.

Illi l-ilment principali tal-konvenuti huwa li l-kont finali prezentat mill-attur kien eccessiv. F' dan ir-rigward, tezisti kontestazzjoni bejn il-partijiet fis-sens li, filwaqt li l-attur, konfortat bix-xhieda ta' martu, kien tahom stima qabel ma beda x-xoghol u li l-konvenuti kienu accettawha, dawn isostnu l-kuntrarju u jammettu biss li kienet saret stima wahda biss meta inizjalment kienu qed jikkonsidraw li juzaw materjal differenti.

L-attur fix-xhieda tieghu spjega li l-kont ghall-appalt tal-hanut fil-Plaza kien ta' Lm4,486 li akkont tieghu saru diversi pagamenti u baqa' bilanc ta' Lm831. Jirrizulta ghalhekk li b' kollox saru pagamenti akkont fl-ammont ta' **Lm3,655**. Il-kont tal-appalt minnu esegwit fil-hanut fil-Qawra kien ta' Lm4,800 li akkont tieghu saru pagamenti ta' **Lm1,800** u b' hekk baqa' bilanc ta' Lm3,000.

Minn dan il-kwadru jirrizult ghalhekk li l-valur komplessiv taz-zewg appalti, kif sostnut mill-attur, huwa ta' Lm9,268; il-pagamenti maghmula mill-konvenuti akkont jammontaw komplessivament ghas-somma ta' Lm5,455; u b' hekk baqa' bilanc ta' Lm3,813.

Illi minn naha taghhom il-konvenuti qed isostnu li l-ammont ta' Lm9,268 bhala valur komplessiv taz-zewg appalti huwa eccessiv; u inoltre, fid-dikjarazzjoni taghha l-konvenuta ssostni li l-attur kien accetta li jaghtihom skont ta' Lm650 kif ukoll li kien sar ftehim li l-partijiet kellhom iqabbdu perit sabiex jaghmel stima tax-xogholijiet li saru u jsir hlas skond din l-istima. Izda ma tressqux provi f' dan ir-rigward. Jirrizulta wkoll mix-xhieda tal-konvenuta li dina ma kienitx izzomm kont tal-pagamenti li kienu jaghmlu lill-attur.

Illi l-perit tekniku Dottor Philip Galea esegwixxa l-inkarigu tieghu fuq zewg prospetti dettaljati mfassla mill-attur u konfermata minnu bil-gurament, tax-xogholijiet maghmula minnu, u dana stante li l-hwienet kienu lahqu ghaddew f' idejn terzi persuni u x-xoghol ma kienx ghadu disponibbli. Mir-relazzjoni tal-espert tekniku jirrizulta li l-valur komplessiv tax-xogholijiet in kwistjoni huwa ta' Lm7,886.70.

Illi din il-Qorti wara li ezaminat ir-rapport u wara li semghet ix-xhieda tal-espert, ma tarax li hemm ragunijiet serji u gravi li ghandhom iwassluha sabiex tiddipartixxi minn dan il-*giudizzio d’ arte* li wasal ghalih l-espert minnha nominat f’ materja purament teknika. Inoltre, ir-rizultanzi tal-espert ma jsibux kuntrast f’ xi rapport iehor tekniku, la *ex parte* u lanqas ta’ periti addizzjonali. Ghaldaqstant qeda taccetta bhala korretta l-figura komplessiva ta’ Lm7,886.70 bhala valur komplessiv taz-zewg appalti.

Illi ghalhekk, stabbilit li l-valur tal-appalti jammonta ghas-somma ta’ Lm7,886.70, u stabbilit li l-pagamenti li saru akkont, kif sostnut mill-attur u mhux kontraddett mill-konvenuti, jammontaw komplessivament ghas-somma ta’ Lm5,455[1], il-bilanc li ghad fadallu jiehu l-attur ghas-saldu tal-appalti minnu esegwiti jammonta ghal Lm2,431.

Illi d-differenza bejn l-ammont pretiz u l-ammont stabbilit bhala dak dovut ghandha ssib rifless fil-kap tal-ispejjez.

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi, taddotta fl-intier taghha r-relazzjoni tal-espert Dottor Philip Galea, u tilqa’ t-talba attrici limitatament ghas-somma ta’ elfejn erba mija wiehed u tletin lira Maltin [Lm2,431] bl-imghax legali mid-data tal-prezentata tac-citazzjoni. L-ispejjez, inkluzi dawk tal-perit legali, ghandhom jigu sopportati miz-zewg partijiet fi kwoti wgwali bejniethom.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------

[1] Lm3,655 [Plaza] + Lm1800 [Qawra]